MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2011

Rikors Numru. 697/2011/1

Fl-Atti tas-sentenza Numru 198/04JRM mogħtija fl-10 ta' April, 2008, u li marret deżerta fl-Appell, fit-3 ta' Novembru, 2010, fil-kawża fl-ismijiet:

**TABONE COMPUTER CENTRE LIMITED** (C-12340)

vs

Joe **CAMILLERI**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-18 ta' Lulju, 2011, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra l-kumpannija rikorrenti talbet li l-Qorti terġa' tagħmel eżekuttiva is-sentenza mogħtija fl-10

ta’ April, 2008, fil-kawża fl-ismijiet premessi (Ċitazz. Nru 198/04JRM) u dan billi, għall-finijiet tal-art 259 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, l-parti mħarrka Joe Camilleri miet qabel ma l-imsemmija sentenza setgħet tkun eżegwita;

Rat li l-intimata, armla tal-imsemmija parti mħarrka, notifikata kif imiss, ma ppreżentatx risposta, u, meta dehret quddiem il-Qorti meta ssejħet il-kawża, mgħejjuna minn avukat, iddikjarat li hija kienet aċċettat il-wirt ta’ żewgha bil-benefiċċju tal-inventarju u li ma kenitx f’qagħda li tikkontesta l-kreditu kanoniżżat għax ma kenitx taf bih qabel ftit jiem qabel is-smigħ tal-lum;

Rat li l-kumpannija rikorrenti kkonfermat bil-ġurament il-kontenut tar-Rikors u ddikjarat li ma tħallas xejn fil-mori ta’ dawn il-proċeduri;

Illi għalhekk it-talba tal-kumpannija rikorrenti tirriżulta ġustifikata u għalhekk tilqa’ l-istess talba.

Bl-Ispejjeż kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------